

■ Tagħrif miġbur © Eric Bonanno B. Ed. (Hons.)

# Ħarsa Lejn it-Testmenti ta' xi Żebbuġin mis-*Sacra Infermeria* tal-Belt, Valletta




*Fig. 1. Inċiżjoni mill-ktieb* **Statuta Hospitalis Hierusalemm** *ta' l-1588 li tagħti dehra tad-dormitorju tas-Sacra Infermeria fi żmien il-G.M. Verdala (1581-1595)*

L-isptar tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, fil-Belt Valletta, jew aħjar kif kien magħruf, is-*Sacra Infermeria* (Fig. 1), kien jilqa' fih lil kull min ħtieġlu s-servizzi mediċi tal-Kavallieri.

F'dan l-isptar kien jingħata servizz ta' l-għola klassi kemm lin-nobbli kif ukoll lin-nies komuni u saħansitra anke lill-dawk li darba kienu skjavi[1]. Wieħed biżżejjed isemmi li fih il-morda kienu jiġu servuti f'servizzi u b'pożati tal-fidda, biex jifhem xi trattament kienu jieħdu.

Ħafna minn dawk li kienu mietu f'dan l-isptar, sakemm damu hemm ġewwa ħallew it-testmenti tagħhom u grazzi għall-fatt li f'Malta għandna d-dokumenti kollha ta' l-Ordni ta' San Ġwann sa l-1798, dawn il-moribondi ħallewlna wirt kbir u tassew interessanti dwar diversi aspetti mill-ħajja tagħhom f'dawk iż-żminijiet imgħoddija.

Għalhekk, f'dan l-artiklu ser nirriproduċi numru żgħir minn dawn it-testmenti biex bihom nipprova nitfa' ftit dawl fuq dak li kien jitqies importanti f'ħajjet missirijietna. Dawn li ser nezaminaw huma biss erbgħa mill-ħafna testmenti ta' tant Żebbuġin li mietu fl-isptar ta' l-Ordni, imma huma rappreżentattivi ħafna ta' dak li kien ikun irreġistrat fihom.

Fit-traduzzjoni żammejt ma' l-istil li ntuża fir-reġistri oriġinali biex inkiteb it-testment biex kemm jista' jkun ma jintilef xejn minnu.

## (i) Marino Gat nhar id-9 ta' Awissu 1706[2]

Marino Gat minn Ħaż-Żebbuġ, ta' 80 sena, iben il-mejjet Ġanni Pawlu, li jinsab f'dan l-isptar, marid minn ġismu imma mhux minn moħħu, wara li rċieva s-sagramenti offruti minn ommna l-Knisja Kattolika u Appostolika, ried jagħmel dan it-testment li ġej.

L-ewwelnett jiddikjara li jħalli b'werrieta universali[3] lil oħtu Marija, armla tal-mejjet Ġammri Pace, bl-obbligu li sa żmien sena mid-data tal-mewt tiegħu trid tagħmillu b'mitt skud[4] quddies

għal ruħu f'dan l-istess sptar[5] , jekk imut hawn, u bl-għotja ta' żewġ tari[6] f'kull quddiesa.

Barra minn hekk, jiddikjara wkoll li m'għandu dejn ma' ħadd ta' ebda somma, anzi hu għandu jieħu somom żgħar mingħand xi wħud, imma għall-imħabba ta' Alla, dawn ser jaħfirhom bi tpattija għal dnubietu.

Dan kollu sar fil-preżenza tas-Sinjur Pirjol Fra Giovanni Guillery, il-Viċi Pirjol Fra Eusebio Lancellotti u tax-xhieda Giovanni Battista Zammit mill-Belt, u Nicola Chinsi, gwardjan ta' dan l-isptar.

Giovanni Maria Lamarche, skrivan tas-Sacra Infermeria.

## (ii) Ġanni Sammut: 15 ta' Ottubru 1707[7] (Fig. 2)

Ġanni Sammut iben Duminku, minn Ħaż-Żebbuġ, ta' 28 sena, u li joqgħod il-Belt, wara li rċieva s-sagramenti offruti minn ommna l-Knisja, waqt li għalkemm marid f'ġismu imma f'sikktu minn moħħu, ried jagħmel dan it-testment li ġej.



*Fig. 2. Paġna minn reġistru tat-testmenti tas-Sacra Infermeria fejn tidher ir-reġistrazzjoni f'isem Ġanni Sammut.*

L-ewwelnett iħalli lil Rosa, martu u bint Marcello Spiteri, b'werrieta universali ta' ħwejjġu kollha u tal-mobbli li jippossiedi, waqt li jobbligaha li tagħmel fit-tielet, fis-sitt, u fit-tletin anniversarju minn mewtu b'kemm jiġu għoxrin onzja[8] f'quddies wara li minnhom ikunu tnaqqsu l-ispejjeż tal-funeral, u xi spejjeż oħra. Irid ukoll li jingħataw 5 onzje lis-*Sacra Infermeria* u jrid ukoll li wara mewtu l-katavru tiegħu jittieħed u jindifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tal-Belt Valletta.

Barra minn hekk irid ukoll li jingħataw 3 skudi u 3 grani[9] lil kaxxa tal-Knisja ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju tal-Belt Valletta.

Iħalli wkoll lil Katarina u lil Speranza, aħwa, u wlied Domenico Genovese minn Ħaż-Żebbuġ, armarju tal-barbiera b'kull ma jinstab fih, liema oġġetti jinstabu fil-pussess ta' Publiju, barbier mir-Rabat li joqgħod viċin il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġieżu, u mlaqqam Ċenstajla. Iħallilhom ukoll l-erba' ħsajjar li jinstabu fid-dar ta' Nazju Axisa f'Ħaż-Żebbuġ, vetrina kbira tal-fajjenza u l-pużati, u x-xfafar tal-leħja li jinstabu għand l-istess werrieta, waqt li jobbligahom li jsumu għal darba fil-ġimgħa fuq ħobż u ilma, u dan għal tul ta' sena sħiħa.

Barra minn hekk iħalli għal Anna wkoll, bint Maruzzo Muscat li jgħix fil-Belt Valletta,

gwardarobba tal-mera li tinsab fid-dar ta' Ħaż-Żebbuġ ta' l-istess Nazju Axisa, waqt li jobbligaha għall-istess sawma.

Dan kollu sar fil-preżenza tal-Wisq Reverendu Signor Fra Eusebio Lancellotto, Viċi Pirjol. Bħala xhieda kien hemm Remigio Bonard mill-Belt, iben il-mejjet Indri, Giuseppe Agius mill-Belt Valletta, iben il-mejjet Geronimo, u Francesco Psaila minn Ħal Qormi iben Angelo.

Miktub għalija Fra D. G. Guillery, Pirjol tas-*Sacra Infermerija* u rreġistrat minn F. M Lamarche fis-*Sacra Infermerija*.

## (iii) Michele Calafat: 17 ta' Jannar 1719[10]

Għandu jkun magħruf u mifhum minn kulħadd li Michele Calafat, iben Lorenzo minn Ħaż-Żebbuġ, u li fil-preżent jinstab marid f'dan l-isptar, u għall-grazzja ta' Alla jinstab f'siktu minn moħħu, minkejja li dgħajjef f'ġismu, għax jaf li hi l-liġi universali li jrid imut, u mhux ċert meta ser tkun is-siegħa tal-mewt tiegħu, għamar li jagħmel din l-istqarrija li ġejja, bl-intervent ta' missieru, Lorenzo Calafat, fejn awtorizzah li jagħmel f'ismu kif ġej hawn taħt.

Primarjament, waqt li jirrikmanda ruħu lil Alla u lill-Verġni Beatissima Marija u lill-qorti kollha tal-Ġenna, ried li l-katavru tiegħu ikun midfun fil-knisja ta' dan l-isptar (Fig. 3.)

Ukoll, l-imsemmi Michele Calafat ordna li minn dak li ħallielu d-donatarju msemmi hawn fuq[11] , iħalli 10 onzje ħalli jsirlu quddies għal ruħu f'dan l-istess sptar bil-ħlas ta' żewġ tari għal kull quddiesa, cioe, 5 onzje għall-fidwa ta' ruħ l-imsemmi Michele kif ukoll 5 onzje għall-fidwa ta' ruħ Marija, ommu.

L-imsemmi Michele jħalli wkoll b'legat lix-xebbiet Cleria u Mariuzza, ħutu bniet, 5 onzje għal darba biss u li jinqasmu bejniethom taħt kundizzjoni li għal żmien sena iridu jsumu nhar ta' Ġimgħa ta' kull Ġimgħa b'sufraġju għal ruħu.

Igħid ukoll li l-beni stabbli u mobbli li jipposjiedi jgħaddihom lil Lorenzo Calafat, missieru, bil-kundizzjoni li dan jiktbu fis-sodalità ta' l-Agonizzanti ta' Ħaż-Żebbuġ, u dan wara li jkunu tħallsu d-drittijiet kollha dovuti.

Hi x-xewqa u l-ordni ta' l-imsemmi Michele li din id-depożizzjoni tieħu effett ma' mewtu, b'tali mod li hu jżomm id-dritt li qabel ma jmut ikun jista' jbiddel kull parti minnha kif jidhirlu hu.

Din hi l-aħħar xewqa tiegħu u din iżżomm u teżerċita l-forza kollha li tippermettilha l-liġi.

Kollox kien ippubblikat minni, Fra Glaudio Gerardin, Pirjol ta' din is-*Sacra Infermeria* quddiem ix-xhieda Domenico Saliba, Giacomo Cumbau iben il-mejjet Giljan minn din il-Belt Valletta; Giovanni Battista Fabri, iben il-mejjet Pietru; Ġammri Micallef, iben il-mejjet Indri minn Naxxar u Giovanni Paolo Camilleri, iben Baskal minn Naxxar.

It-testment kien meħud mill-iskrivan tas-*Sacra Infermeria*.

## (iv) Salvatore Xerri: 29 ta' Awissu 1713[12]

Salvatore Scerri ta' bejn wieħed u ieħor 24 sena, iben Giovanni Battista minn Ħaż-Żebbuġ imma li joqgħod Bormla, li jinstab marid f'dan l-isptar, imma għadu f'siktu minn moħħu, ried jagħmel dan it-testment li ġej.

Jiddikjara li għandu tliet ġakketti tal-fustan[13] , żewġ qasab[14] tila ta' Malta rrigata kulur is-sema, żewġ qomos ġodda diġà milbusa, żewġ kurpetti tal-fustan, kurpett ieħor tad-damask aħdar tal-ħarir u kurpett ieħor tal-bordat[15] ta' Franza diġà milbus, beritta ġdida ħamra, erba' pari buttuni tal-fidda, ċurkett tad-deheb ta' skud, kwarta ħajt ikħal tal-qoton, madwar sitt artal ħajt ta' Barbella għall-insiġ tat-tila, sitt kwadri żgħar u tnejn kbar, erba' siġġijiet tal marella tat-tibna, u li jħalli dan kollu lil Anna, martu bħala werrieta universali, u fuq kollox, il-kapaċità li tkun tista' tiddisponi minnhom kif jogħġob lilha.

Barra dan iħallilha wkoll sitt skudi għall-quddies liema flus jinstabu fit-teżor.

Kollox magħmul quddiem il-pirjol Ch. Girardin u rreġistrat minni l-iskrivan hawn taħt iffirmat.

Fra Jean Dispinar.

Bla dubju, ma' l-ewwel daqqa ta' għajn f'dawn l-erba' testmenti wieħed mill-ewwel jinnota li l-aktar aspett li jispikka huwa dak reliġjuż. Mill-ewwel jidher kemm kien jingħata importanza għax qabel m'għamlu t-testment il-moribondi kollha, jew kienu rrikorrow għall-aħħar sagramenti (i.e. il-griżma tal-morda, il-qrar u t-tqarbin), jew fittxew li jħallu xi flejjes għall-quddies li kellu jsir b'suffraġju għal ruħhom wara mewthom.

Tispikka wkoll l-għotja tal-karità fil-quddies jew anke lill-istess *Sacra Infermeria*.

Interessanti wkoll hu li minn dawn it-testmenti jidher kemm in-nies kienu jaħsbu fl-erwieħ tagħhom, ta' nieshom u anke ta' dawk li ma kinux jiġu minnhom. Hekk insibu li Ġanni Sammut (ii) ħalla xi flus anke għall-kaxxa tal-Knisja ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju tal-Belt, Valletta, waqt li Michele Calafat (iii) ħaseb anke f'ruħ ommu, Marija.

Joħroġ ukoll il-bżonn għal talb kontinwu għal ruħ il-mejjet u kien għalhekk li fit-testment tiegħu, Michele Calafat (iii) talab li jkun miktub fis-Sodalità ta' l-Agonizzanti ta' Ħaż-Żebbuġ. Din is-sodalità kienet tobbliga lill-membri tagħha biex joffru t-talb tagħhom għall-bżonnijiet ta' dawk li jkunu waslu fl-aħħar ta' ħajjithom.

F'żewġ testmenti jissemma wkoll l-obbligu tas-sawm – b'dipendenza fuq ħobż u ilma biss (!) Is-sawm kien jitħalla l-aktar għal nhar ta' Erbgħa u/jew nhar ta' Ġimgħa.

Meta wieħed jara l-emfasi li kienet issir dwar it-talb li kien ikollu jingħad u l-ħlasijiet li kienu jsiru għalih, wieħed jara kif dak iż-żmien, dak li jkun kien bħal jipprova jwitti triqtu biex jidħol fil-ġenna billi jħallas għaliha – bħal li kieku bi flusu kien jista' jixtri għalih il-ħelsien minn dnubietu.

Interessanti wkoll li fit-testment ta' Michele Calafat (iii) jissemma t-tħollija ta' legat. Il-legat, ġeneralment kien ikun għotja ta' flus li t-tgawdija tagħha kien ikun marbut b'xi kondizzjoni/jiet. F'dan il-każ ir-rabta kienet l-obbligu tas-sawm.

Ħafna drabi, il-legat kien jitħalla biex jiggarantixxi li xi xbejba fqira mill-familja ta' l-itess moribond jew anke (f'każi oħra) jekk ma tiġix minnu, ikun garantit lilha li biex tibda l-

ħajja taż-żwieġ tagħha kien ser ikollha somma ċkejkna ta' flus fuq xiex isserraħ moħħha. Kien hemm min iħalli flus fi dħul minn kiri ta' djar, għelieqi, bhejjem, eċċ. L-obbligi ħafna drabi kienu jkunu li ż-żwieġ kien irid isir f'data partikolari (aktarx f'xi festa) fuq artal partikolari u anke f'kappella jew knisja partikolari.

Toħroġ ukoll l-importanza li jinħelsu d-djun kollha li dak li jkun ikun għamel f'ħajtu u li jsiru wkoll il-ħlasijiet kollha għal xi servizzi anke dawk ta' wara d-difna. Ħafna kienu jibżgħu li nieshom kienu jintefgħu l-ħabs u għalhekk kienu jaraw x'jagħmlu biex iħallsu dak kollu li kien ikun dovut minnhom qabel ma jispiċċaw f'qiegħ il-qabar.

Hu nteressanti li fi tnejn mit-testmenti jissemmew kemm tipi ta' għamara u aċċessorji partikolari kif ukoll tipi ta' ħwejjeġ u tessuti.

Hekk fit-testment ta' Ġanni Sammut (ii) insibu referenza għal armarju tal-barbiera b'kullma jinstab fih (!) u gwardarobba tal-mera.

L-armarju tal-barbiera kien biċċa għamara sabiħa ħafna u spiss imżejjen b'ħafna lavur fl-injam ukoll.

Il-wiċċ ta' l-armarju kien ikun ta' l-irħam biex seta' jitnaddaf malajr. Miegħu kien ikollu għadd ta' aċċessorji bħal imwies tal-leħja, imqassijiet tal-metal, moli tal-ġild u ta' l-għadam, fliexken ta' l-ilma, bwieqi tal-metal immartellat għas-sapun tal-leħja, pniezel tas-suf tal-ġemel, friskaturi tal-porċellana jew ċeramika u ġarar għat-terra li spiss kienet tkun magħmula minn minerali mfarrkin fini mħallta ma' frak tal-pjanti bħalma kienu l-likopodju u r-riħan (li anke kien iħalli riħa tfuħ), u fl-aħħar fliexken żgħar tal-ħġeieġ, spissi ddekorati li fihom kienu jżommu l-fwejjaħ.

Illum il-mera reġgħet daħlet moda fl-għamara u ssibha taħt kull forma u b'disinn. Fl-imgħoddi ma kienx ikun fiha disinni u l-aktar qata' komuni kienet dik ovali. Il-mera kienet titwaħħal fin-nofs billi l-gwardarobbi spiss kienu jkunu mfassla fuq tliet taqsimiet.

Ta' min isemmi wkoll li ħafna minn dawn il-gwardarobbi kien ikun fihom anke qiegħ falz fejn il-proprjetarju kien jaħbi flusu u ġidu.

Minn dawn it-testmenti u oħrajn ukoll, joħroġ il-fatt li ħafna kienu jaħsbu fix-xebbiet tal-familja billi jħallulhom xi ħaġa.

Meta wieħed jara dan l-aġir dak li jkun ma jridx jinsa li qed nitkellmu dwar żminijiet meta jekk it-tfajliet ma jiżżewġux jew jieħdu l-ordni sagri, kellhom riskju kbir li jekk ma kienx ikollhom lejn xiex iduru, allura kienu jaqgħu għaż-żina biex imantnu lilhom infushom.




*Fig. 3. Ritratt ta' kif kienet il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena tas-***Sacra Infermeria** *(il-kappella ta' Nibbia) qabel ma ġġarfet fl-aħħar gwerra dinjija.* [16]

Rigward it-testment ta' Salvatore Xerri (iv) li hu mxaqleb fuq aspett aktar materjalistiku milli reliġjuż, wieħed jieħu ndikazzjoni tajba tat-tessuti li dak iż-żmien (i.e. fis-seklu 18) kienu f'użu komuni.

Il-fustan, it-tila u d-drapp tal-qomos kien kollu magħmulin mill-qoton; prodott li f'Malta, dik il-ħabta kien jitkabbar fi kwantitajiet kbar. Hu fatt magħruf ukoll li ż-Żebbuġin kienu fost l-akbar

industrijalisti fejn jidħol it-tkabbir u l-ħdim tal-qoton.

Il-qoton, kittien, qanneb, newl, ħarir u damask kienu tipi ta' drappijiet li kienu jintużaw ħafna; l-ewwel tlieta l-aktar mill-klassi l-baxxa, waqt li l-aħħar tnejn kont issibhom aktar għand is-sinjuri. In-newl kont issibu għand it-tnejn. Id-differenza fil-klassi kienet tidher sewwa ħafna mill-ilbies li n-nies kienu jxiddu fuqhom jew li kienu jużaw bħala għata.

Minn naħa l-oħra, d-daqqa ta' għajn fil-fond tal-kontenut ta' dawn it-testmenti wriet kemm ħajjet missirijietna kienet differenti minn dik tagħna. L-obbligi lejn u r-riti tar-reliġjon kienu jieħdu wisq aktar priorità minn tal-lum. Minħabba f'hekk, missirijietna trabbew f'ambjent ta' protokoll ta' reliġjożità aktar milli f'relazzjoni intima bejn il-bniedem u l-ħallieq. Dawn l-affarijiet setgħu jsiru bil-pompa kollha mis-sinjuri biss. Il-fqir kien idur lejn Alla u l-qaddisin bl-intenzjonijiet tiegħu biss billi b'butu ma kienx iwassal.

[1] N(ational) L(ibrary) of M(alta), AOM 1723, f. 211

[2] *Ibid*, f. 112.

[3] Werrieta ta' kollox wara li jkunu tnaqqsu d-djun kollha.

[4] Ekwivalenti għal xelin u tmin soldi (1s 8d) jew 8c3 tal-flus tal-lum.

[5] Din hija referenza għall-kappella tas-*Sacra Infermeria* li kienet mibnija fl-1612 mill-Kavallier Fra Giorgio Nibbia. Kienet iddedikata lill-"Madonna tal-Ħniena".

[6] Ekwivalenti għal sold  u 9 ħabbiet (1_ d) jew 4.75m tal-flus tal-lum.

[7] *Ibid*, f. 129.

[8] Valuta ta' munita oħra.

[9] Ekwivalenti għal ħabba (1/12d) jew 0.25m. tal-flus tal-lum.

[10] *Ibid*, ff. 254-255.

[11] Hawn qed jirreferi għal missieru Lorenzo.

[12] *Ibid*, f. 126

[13] Il-fustan kien drapp oħxon maħdum mill-qoton, ta' kwalità inferjuri u għalhekk delikat.

[14] Tul ta' 12-il pied (ca. 2m.)

[15] Il-bordat kien drapp magħmul minn taħlita ta' kittien u qanneb irrigat abjad u ikħal. Kemm il-kittien u kemm il-qanneb huma xitel li minnhom jistgħu jinstiltu ħjut li jintużaw biex minnhom jagħmlu drappijiet.

[16] Fi żmien il-kolonjaliżmu Ngliż, il-kappella kienet magħrufa bħala *The Chapel of Bones*.